

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju: Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE — konstatazzjoni żbaljata li r-rekwiżiti tal-punt 19 (TaqSIMA 2.6) tal-Qafas [tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)] ġew issodisfati, ksur tal-prinċipji marbuta mal-għoti ta' kuntratt pubbliku (nondiskriminazzjoni, ugwaljanza fit-trattament u trasparenza) u interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 97/67/KE (id-Direttiva Postali). Il-metodi użati mill-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw il-provvista ta' servizzi universali għandhom josservaw kemm il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament (inkluża l-għażla tal-fornituri tas-servizz postali universali permezz ta' kompetizzjoni) li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-libertajiet tas-suq intern, u kemm l-Artikolu 106(2) TFUE, li ma kienx il-każ fil-kawża ineżami.

It-tieni aggravju: Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE — konstatazzjoni żbaljata li r-rekwiżiti tal-punti 14 (TaqSIMA 2.2) u 60 (TaqSIMA 2.10) tal-Qafas [tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)] ġew issodisfati. Anki jekk l-obbligu tas-servizz pubbliku fdat lill-Poczta Polska (il-Posta Pollakka) jissodisa r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva Postali, ma huwiex eskluż li jkun neċċessarju li titwettaq konsultazzjoni pubblika jew li jiġu użati mezzi oħra xierqa sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-utenti u tal-fornituri ta' servizzi sabiex jiġi pprovat b'mod preċiż il-bżonn ta' servizz universali.

It-tielet aggravju: Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE — konstatazzjoni żbaljata li r-rekwiżiti tal-punt 52 (TaqSIMA 2.9) tal-Qafas [tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)] ġew issodisfati, kif ukoll ksur tal-Artikolu 7(1), (3) u (5) tad-Direttiva 97/67/KE. Il-Qorti Ġenerali b'mod żabaljat iddeċidiet li l-fond ta' kumpens jissodisa r-rekwiżit ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-kontribuzzjoni massima unika ta' 2 % tad-dħul tal-fornituri tas-servizz universali jew tas-servizzi interkambjabbbi; din il-perċentwali tad-depożitu obbligatorju li għandha tħallas mill-fornituri tapplika b'mod uniformi għall-operaturi kollha, u hija diskriminatorja peress li s-sitwazzjoni tal-fornituri tas-servizz universali u dik tal-fornituri tas-servizzi interkambjabbbi ma humiex l-istess. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali b'mod żabaljat iddeċidiet li l-fond ta' kumpens jissodisa wkoll ir-rekwiżit ta' proporzjonalità.

Matul il-konsultazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi li fuqhom hija bbażata l-emenda, il-kundizzjonijiet tal-fond ta' kumpens kienu sostanzjalment differenti minn dawk finalment stipulati fil-Liġi dwar il-Posta, u għalhekk ma jistax jiġi preżunt li l-istabbiliment tal-fond kien is-suġġett ta' konsultazzjoni.

Skont il-kundizzjonijiet għall-iffinanzjar tas-servizz universali, ma huwiex neċċessarju li jiġi eżaminat jekk l-ispejjeż netti sostnuti jikkostitwixxu piżi sproporzjonat għall-fornituri tas-servizz universali. Ir-rabta awtomatika bejn il-finanzjament tas-servizz u l-okkorrenza ta' telf għas-servizz universali ma tistax titqies li tissodisa r-rekwiżiti tad-Direttiva Postali.

Ir-raba' aggravju: Ksur tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva Postali — peress li ġie aċċettat li l-ispejjeż tas-servizz universali jkunu ffinanzjati minn numru kbir ta' drittijiet esklużivi u specjalji mogħtija lill-Posta Pollakka. Konformément mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva Postali, l-Istati Membri la għandhom jagħtu u lanqas ma għadhom iżommu drittijiet esklużivi jew specjalji għall-istabbiliment u għall-provvista ta' servizzi postali. Madankollu, kuntrarju għall-fehma tal-Qorti Ġenerali, id-drittijiet specjalji u esklużivi mogħtija lill-Posta Pollakk ma humiex manifestament inklużi fil-lista ta' eċċeżżjonijiet previsti mid-Direttiva Postali.

---

**Appell ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2019 minn Inpost S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali  
fid-19 ta' Marzu 2019 fil-Kawżi magħquda T-282/16 u T-283/16, Inpost Paczkomaty u Inpost vs  
Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-432/19 P)**

(2019/C 328/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

## Partijiet

**Appellant:** Inpost S.A. (rappreżendant: W. Knopkiewicz, radca prawny)  
**Partijiet oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika tal-Polonia

## Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali;
- tannulla d-deċiżjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża u għall-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju: Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE — konstatazzjoni żbaljata li r-rekwiżiti tal-punt 19 (Taqsima 2.6) tal-Qafas [tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)] ġew issodisfati, ksur tal-prinċipji marbuta mal-għoti ta' kuntratt pubbliku (nondiskriminazzjoni, ugwaljanza fit-trattament u trasparenza) u interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 97/67/KE (id-Direttiva Postali). Il-metodi użati mill-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw il-provvista ta' servizzi universali għandhom josservaw kemm il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament (inkluża l-għażla tal-fornitur tas-servizz postali universali permezz ta' kompetizzjoni) li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-libertajiet tas-suq intern, u kemmi l-Artikolu 106(2) TFUE, li ma kienx il-każ fil-kawża ineżami.

It-tieni aggravju: Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE — konstatazzjoni żbaljata li r-rekwiżiti tal-punti 14 (Taqsima 2.2) u 60 (Taqsima 2.10) tal-Qafas [tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)] ġew issodisfati. Anki jekk l-obbligu tas-servizz pubbliku fdat lill-Poczta Polska (il-Posta Pollakka) jissodisa r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva Postali, ma huwiex eskluż li jkun neċċesarju li titwettaq konsultazzjoni pubblika jew li jiġu użati mezzi oħra xierqa sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-utenti u tal-fornituri ta' servizzi sabiex jiġi pprovat b'mod preċiż il-bżonn ta' servizz universali.

It-tielet aggravju: Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE — konstatazzjoni żbaljata li r-rekwiżiti tal-punt 52 (Taqsima 2.9) tal-Qafas [tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)] ġew issodisfati, kif ukoll ksur tal-Artikolu 7(1), (3) u (5) tad-Direttiva 97/67/KE. Il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat id-deċidiet li l-fond ta' kumpens jissodisa r-rekwiżit ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-kontribuzzjoni massima unika ta' 2 % tad-dħul tal-fornitur tas-servizz universali jew tas-servizzi interkambjabbi; din il-perċentwali tad-depożitu obbligatorju li għandha titħallas mill-fornituri tapplika b'mod uniformi għall-operaturi kollha, u hija diskriminatorja peress li s-sitwazzjoni tal-fornituri tas-servizz universali u dik tal-fornituri tas-servizzi interkambjabbi ma humiex l-istess. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat id-deċidiet li l-fond ta' kumpens jissodisa wkoll ir-rekwiżit ta' proporzjonalità.

Matul il-konsultazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi li fuqhom hija bbażata l-emenda, il-kundizzjonijiet tal-fond ta' kumpens kienu sostanzjalment differenti minn dawk finalment stipulati fil-Liġi dwar il-Posta, u għalhekk ma jistax jiġi prezżunt li l-istabbiliment tal-fond kien is-suġġett ta' konsultazzjoni.

Skont il-kundizzjonijiet għall-iffinanzjar tas-servizz universali, ma huwiex neċċesarju li jiġi eżaminat jekk l-ispejjeż netti sostnuti jikkostitwixxu piż sproporzjonat għall-fornit tas-servizz universali. Ir-rabta awtomatika bejn il-finanzjament tas-servizz u l-okkorrenza ta' telf għas-servizz universali ma tistax titqies li tissodisa r-rekwiżiti tad-Direttiva Postali.

Ir-raba' aggravju: Ksur tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva Postali — peress li ġie aċċettat li l-ispejjeż tas-servizz universali jkunu ffinanzjati minn numru kbir ta' drittijiet eskużivi u speċjali mogħtija lill-Posta Pollakka. Konformement mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva Postali, l-Istati Membri la għandhom jagħtu u lanqas ma għadhom iżommu drittijiet eskużivi jew speċjali għall-istabbiliment u għall-provvista ta' servizzi postali. Madankollu, kuntrarju għall-fenomeni tal-Qorti Ġenerali, id-drittijiet speċjali u eskużivi mogħtija lill-Posta Pollakk ma humiex manifestament inklużi fil-lista ta' eċċeżżjonijiet previsti mid-Direttiva Postali.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (I-Italja) fil-5 ta' Ġunju 2019 —  
Poste Italiane SpA vs Riscossione Sicilia SpA agente riscossione per la provincia di Palermo e delle altre  
provincie siciliane**

**(Kawża C-434/19)**

(2019/C 328/09)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### **Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione